# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' nhar il- 25 ta' Ottubru 2021

**Rikors Numru : 107/2021 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**NC**

**Vs**

**JS**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' NC, datat 11 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fit-tnejn u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin (22/8/1998) (Kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala 'DOK.A') u minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal;*

2. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Edward Flores mill-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u ħamsa (25-8-2005) (Kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni anness u mmarkat bħala 'DOK.B');*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjhoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom 'l fuq minn erba' (4) snin separati de jure, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi fil-kuntratt tas-separazzjoni nnifsu, l-partijiet iddekadew reċiprokament u irrevokabbilment mid-dritt ta' manteniment mingħand xulxin, u għalhekk, m'hemm ebda manteniment dovut;*

5. *Illi kif inhu indikat fil-kuntratt tas-separazzjoni l-esponenti tagħżel li tirreverti għal kunjom xbubitha u ċioé C;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa għall-ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili (Kap.16) tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi ma' dan ir-rikors qed jiġi anness l-Affidavit tal-esponenti nfsiha (Affidavit anness u mmarkat bħala 'DOK.Ċ);*

*Għalsaqstant, l-esponent umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fit-tnejn u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disgħin ( 22/8/1998);*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat naqas milli jippresenta risposta u naqas li jidher, ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-fakolta' moghtija lilu minn din il-Qorti sabiex jippresenta is-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158 (10), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti; (vide fol 18)

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**NC xehdet (vide affidavit fol 13)** illi hija zzewget lill-intimat nhar it-22 ta' Awwissu 1998 li minn dan iz-zwieg kellhomx tfal. Xehdet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores datat 25 ta' Awwissu 2005. Iddikjarat illi mid-data tas-separazzjoni qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess. Finalment ikkonfermat illi fis-separazzjoni ddekadew reciprokament mid-dritt ta' manteniment, ghalhekk ma hemmx ebda arretrati.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 ta' Awwissu 1998, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1469/1998 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 4 u 5), u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-25 ta' Awwissu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Edward Flores (vide Dok A, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', ma jirrizultax li hemm arretrati ta' manteniment.

Il-Qorti rat illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li tista titqanqal ex officio minn din il-Qorti fid-dawl tal-kontumacja tal-intimat.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1469/1998 u tordna lir-**

**Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**